MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2004

Ċitazzjoni Numru. 542/2003

***Bank of Valletta p.l.c.***

***Versus***

**Maria Concetta *sive* Marcon Formosa**

F'din il-kawża s-soċjetà bankarja attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' ħamest elef disa' mija u sebgħa u disgħin lira u tmintax-il ċenteżmu (Lm5,997.18), flimkien ma' l-imgħax mill-1 t'April 2003 u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali ta' l-4 ta' Lulju 2002 u ta' mandat ta' sekwestru u ta' mandat ta' inibizzjoni ippreżentati flimkien maċ-ċitazzjoni. Id-dejn huwa bilanċ ta' self li sar b'kitba privata tal-20 ta' Frar 2001 u għandu jitħallas issa għax seħħet kondizzjoni stipulata fil-kitba.

B'nota tat-23 ta' Marzu 2004 il-konvenuta ammettiet it-talba.

Għalhekk, fuq ammissjoni tal-konvenuta, il-qorti taqta' l-kawża billi tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi

ħamest elef disa' mija u sebgħa u disgħin lira u tmintax-il ċenteżmu (Lm5,997.18) flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------